MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2226/2004

**GasanMamo Insurance Limited – C 3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Zammit Mangion**
**u l-istess David Zammit Mangion (367180M)**

**Vs**

**Guido Vella**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm257.85c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Marion Zammit Mangion qalet:

"Whilst passing at St Paul's Square, another vehicle BAE 447 was reversing and collided into him."

Bhala hsara kellha z-zewg bibien ta' fuq il-lemin.

Il-konvenut qal kif gej:

"I was turning with the central traffic island when other vehicle passing behind collided into me."

Bhala hsara ma kellu xejn.

Ra x-xhieda ta' Marion Zammit Mangion fejn tghid illi dakinhar ta' l-incident kienet hierga minn St Paul's Street, ghamlet l-*indicator* sabiex iddur fuq il-lemin u hekk kif kienet diehla fi Triq San Katalgu, l-konvenut irriversja ghal fuqha. Tghid illi hu hareg jirriversja minn wara sigra li kienet fi triq qisha *roundabout*. Bhala hsara kellha z-zewg bibien tal-lemin.

Tikkonferma li qabel il-habta, rat il-vettura tal-konvenut ipparkjata. Tghid illi l-karozza tal-konvenut kienet qed thares in-naha l-ohra u mhux in-naha ta' fejn kienet sejra hi.
Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi dakinhar ta' l-incident kien gej mis-Saqajja fid-direzzjoni ta' San Pawl u beda jdur mar-*roundabout*. Jghid illi kien hemm wiehed hiereg mill-*parking* u ghalhekk stennieh johrog. Sadanittant jghid illi waqt li kien wieqaf giet Zammit Mangion u laqtitu fuq il-*bumper* ta' wara.

Il-konvenut jghid illi Zammit Mangion baqghet sejra ghal xi sittin jew sebghin jarda wara l-impatt. Jghid ukoll illi kellu hsara fuq il-*bumper* ta' wara fuq in-naha tal-lemin. Vella

jghid illi l-karozza li hu kien qieghed jistenna biex tohrog mill-*parking* kienet tul ta' zewg karozzi 'l quddiem minnu.

Jichad illi kien qieghed jirriversja. Jaqbel ma' l-iskizz.

Ra illi fir-*Road Accident Report* il-konvenut ma qalx li kien wieqaf meta grat il-habta bhalma qal fix-xhieda tieghu izda qal li kien qieghed idur. Illi inoltre meta xehed il-konvenut qal li kien qed jistenna lil xi hadd biex johrog mill-*parking*. Illi meta kellem lill-Pulizija ezatt wara l-incident il-konvenut ma kienx semma' li kien qed jistenna lil xi hadd hiereg mill-*parking*.

Illi dan it-Tribunal irid jara jekk l-atturi gabux bizzejjed provi li l-incident gara tort tal-konvenut. Il-verzjoni ta' Zammit Mangion hija kredibbli u konsistenti. Min-naha l-ohra Vella ezatt wara l-habta qal li "he was turning with the central traffic island when the other vehicle passing behind collided into him" u meta gie biex jixhed qal li kien wieqaf qed jistenna karozza biex tohrog meta grat il-habta. Illi ghalhekk hija iktar kredibbli l-verzjoni ta' Zammit Mangion li l-konvenut irriversja.
Illi ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident.

Illi d-danni ma gewx ikkontestati u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm257.85c) bl-ispejjez u bl-imghax mill-10 ta' Dicembru, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------